MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2009

Rikors Numru. 31/2003/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Alfred Gera de Petri bhala Ezekutur Testamentari ghal kull interess li jista' jkollu**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art li jghid hekk:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 19 ta' Lulju, 2001 fejn gie nfurmat li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franki u liberi tal-bictejn art fir-Rabat kif gej:-
(a) bicca art tal-kejl ta' 487 metri kwadri li tmiss mil-Majjistral u min-Nofsinhar ma' triq pubblika u mill-Lvant ma' proprjeta ta' Gino Galea Trapani u ohrajn, hija ta' tlieta u sebghin elf u hamsin lira Maltija (Lm73,050)

(b) bicca art tal-kejl ta’ madwar 1,070 metri kwadri li tmiss mill-Grigal u mix-Xlokk ma’ triq pubblika u mill-Lbic ma’ proprjeta’ ta’ Igino Galea Testaferrata u ohrajn hija ta’ mija u hamsa u sebghin elf u erba’ mitt lira Maltin (Lm175,400), kif jidher mir-rapport tal-Perit Fred Valentino A&CE tal-11 ta’ Jannar 2001 li estratt tieghu Dok A hija annessa mal-istess Avviz tal-Ftehim;

Illi b’ittra ufficjali tas-7 ta’ Marzu 2003 l-intimat A fost affarijiet iddikjara li ma taccettax il-kumpens offert u qed jirimetti ruhu ghal dak il-valur li ser jigi stabbilit mit-Tribunal Kompetenti.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimat biex jitraferixxi b’titolu ta’ xiri assolut bhala liberi u franki l-bicctejn art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera l-art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ikkunsidra:

Illi f’din il-materja, l-Bord kien assistit mill-membri teknici tieghu hekk assenjati mic-Chairman, l-AIC Godfrey Vella u l-Perit AIC Michael Refalo li wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma’ din is-sentenza:

Qed jigi prezenzjalment stmat li l-kumpens gust, partikolarment tenut kont illi l-art in kwistjoni hija

fabrikabbli skond l-Ordinanza Dwar l-Akkwist tal-Artijiet u skond il-kejl ta': Plot 1 ta' 487 metri kwadri, fl-ammont ta' Ewro 580,971 (Lm249,344) u Plot 4 ta' 1,070 metri kwadri, fl-ammont ta' Ewro 1,276,467.00 (Lm547,840.00)

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimat li titrasferixxi bhala liberi u franki b'titolu ta' xiri assolut iz-zewg porzjonijiet art li qed ikunu dikjarati fabrikabbli fir-Rabat, Malta u cioe':

(c) bicca art tal-kejl ta' 487 metri kwadri li tmiss mil-Majjistral u min-Nofsinhar ma' triq pubblika u mill-Lvant ma' proprjeta ta' Gino Galea ; u

(d) bicca art tal-kejl ta' madwar 1,070 metri kwadri li tmiss mill-Grigal u mix-Xlokk ma' triq pubblika u mill-Lbic ma' proprjeta' ta' Igino Galea Testaferrata u ohrajn

u dan bil-valur ta' Euro hames mija u tmenin elf, disa mija wiehed u sebghin Euro (Euro 580,971.00) kwantu ghal-art deskritta f'(a) u ghal-valur ta' miljun, mitejn u sitta u sebghin elf, erba mija seba u sittin euro (Euro 1,276,467) kwantu ghall-art deskritta (b) oltre l-imghax legali dovut lill-intimat. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fis-6 ta' Jannar, 2010 fis-2.00 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Adrian Camilleri biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------